**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Mejju, 2021

Rikors Numru: 8/10 AL

**A B**

vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fil-Parocca ta' Santa Lucia, Santa Lucia fid-29 ta' Novembru 1986 wara korteggjament u gherusija ta' madwar tlett snin u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, cioe' D illi twieled fl-21 ta'*

[1] Fol. 1-10.

*Dicembru 1989 u E illi twieldet fit-3 ta' Settembru 1991, illi allura huma t-tnejn maggorenni.*

2. *Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba inkompatabilita' ta' karattru, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenuta;*

3. *Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti.*

4. *Illi l-problemi bejn il-konjugi bdew ftit snin wara z-zwieg tal-kontendenti meta l-karattru tal-konvenuta nbidel ghall-aghar u saret dominanti u aggressiva mal-attur b' mod komplet u pervasiv tant illi riedet tikkontrolla kull aspett tal-hajja tal-attur. Hija ghamlet minn kollox biex qatghet ir-rapport tal-attur mal-membri tal-familja tieghu; kienet anke tikkontrolla il-gestjoni tal-professjoni tal-attur bhala accountant.*

5. *Illi inoltre, l-konvenuta dehret illi ma kellha ebda gibda lejn l-attur zewgha u mill-bidu nett taz-zwieg tal-kontendenti, l-interess tal-konvenuta f' rapporti intimi mal-attur kien prattikament ristrett ghal dak illi kien strettament mehtieg biex huma jkolhom it-tfal. Tant illi meta twieledet bint il-kontendenti, l-imsemmija E, ir-rapporti bejn il-kontendenti spiccaw kwazi ghal kollox b' mod illi fl-hmistax il-sena wara t-twelid tat-tifla, in-numru ta' okkazjonijiet meta l-kontendenti kienu intimi ma' xulxin jintghaddu fuq id wahda.*

6. *Illi E ghandha spina bifida. Din il-kondizzjoni tat-tifla poggiet piz kbir fuq il-kontendenti, partikolarment fuq il-konvenuta illi kienet principlament ikkurat it-tifla u qdiet il-bzonnijiet partikolari taghha. L-attur kien telaq mill-impieg illi kellu biex jkun jista' jippresta aktar attenzjoni lit-tifla minghajr il-kontrolli impliciti fl-impieg. Bit-twelid tat-tifla, il-konvenuta kienet tiskarta l-attenjoni ta' zewgha billi tghid li hija ghajjiena jew inkwetata.*

7. *Illi biz-zmien l-imgieba bierda tal-konvenuta fil-konfront tal-attur zewgha aggravat ruhha u l-konvenuta kienet sistematikament eradikat kull forma ta' karezzi u intimita' bejn il-kontendenti billi tevita u tiskarta l-attenzjoni tal-attur. Fl-istess waqt, il-konvenuta baqghet tippresisti fid-dominanza taghha ta' zewgha. Kienet spiss tmur l-ufficju tal-attur biex tispezzjona in-negozju u kienet tikkomporta ruhha b' mod arroganti mal-attur quddiem id-dipendenti tieghu rigward il-gestioni tan-negozju u ghazla ta impjegati*

8. *Illi l-attur kien ghamel zmien twil jipprova jirranga z-zwieg tieghu pero' dawn it-tentattivi ma' kellhom ebda effett. F' Gunju 2007, l-attur telaq mid-dar konjugali izda baqa' regolarment jmantni lill-konvenuta u lil uliedu. Prezentement E, illi hija studenta, tghix mal-konvenuta fid-dar konjugali mentri D, ukoll student, jghix mal-attur missieru.*

9. *Illi l-attur beda proceduri ta' medjazzjoni izda wara kwazi sentejn ta' medjazzjoni, ma kienx possibbli illi jintlahaq ftehim bonarju ta' separazzjoni minhabba l-intransigenza tal-konvenuta.*

*Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:*

1. *tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.*

2. *tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konventa martu.*

3. *tapplika kontra l-konvenuta nterament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).*

4. *tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni kollha dotali u parafernali tieghu w separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.*

5. *tillikwida l-avvanzi u hlasijiet maghmula mill-attur ghall-hlas ta' djun gravanti l-kommunjoni tal-akkwisti jew altrimenti sabiex jsir investiment fl-interess tal-istess kommunjoni mill-gid parafernali ossija partikolari tal-attur u tikkwalifika l-istess avvanzi u hlasijiet bhala krediti tal-istess attur kontra l-kommunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti u pagabbli lilu mill-istess kommunjoni.*

6. *tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-assi u d-dejn formanti l-istess kommunjoni, komprizi mal-istess djun, il-krediti maghmula mill-esponent u likwidati a tenur tat-talba precedenti u tordna li l-istess jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kien hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

7. *tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attur bl-eskluzzjoni tal-konvenuta.*

8. *tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat tal-attur nhar il-15 ta Marzu 2010,[2] madanakollu ebda risposta ġuramentata ma ġiet ipprezentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi u dan stante li kif ġie dikjarat fl-ewwel udjenza ta' nhar it-18 ta' Mejju 2010, l-partijiet kienu qed jittentaw jitranziġu l-kawza;[3]

Rat illi fl-udjenza ta' nhar il-21 ta' Ġunju 2011, l-Qorti ħatret lil Avukat Dottor Fransina Abela bħala Perit Legali sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawza;[4]

Rat illi fit-tieni seduta quddiem il-Perit Legali ta' nhar il-24 ta' Novembru 2011, ġie ddikjarat illi l-partijiet ma waslux għal ftehim rigward il-kawza odjerna u għaldaqstant il-konvenuta riedet tipprezenta l-eċċezzjonijiet tagħha b'kontrotalba;[5]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta prezentata nhar is-6 ta' Jannar 2012,[6] fejn eċċepit:

1. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrent, l-eċċipjenti taqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan mhux għar-rġunijiet dedotti fir-rikors promotur, izda għaliex iz-zwieġ tfarrak irrimedjabbilment senjatament minħabba adulterju, abbandun, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-atur fil-konfront ta' martu l-esponenti, u f'kull kaz ma jezistux l-addebiti fil-konfront tagħha minn zewġha r-rikorrent.*

2. *Illi dwar it-tieni talba rikorrenti, l-eċipjenti taqbel li l-attur għandu jiġi awtorizzat jgħix separatament minn ma' martu, u dank if issa ilu jagħmel għal snin sħaħ u fil-fatt qiegħed jgħix mas-sieħba tigħu li minnha għandu tarbija.*

[2] Fol. 19.
[3] Fol. 60.
[4] Fol. 64.
[5] Fol. 69.
[6] Fol. 330.

3. *Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, ma tzisti l-ebda raġuni għala s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli ċitati mill-attur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati in toto jew in parte kontra l-eċċipjenti.*

4. *Illi fir-rigward tar-raba' talba tar-rikorrent, din qed tiġi opposta u dana peress illi l-eċċipjenti m'għandha l-ebda oġġetti dotali u parafernali tal-attur fil-pussess tagħha.*

5. *Illi dwar il-ħames talba rikorrenti, din għandha tiġi riġettata peress li kwalunkwe ħlasijiet li setgħu saru mill-attur għall-ħlas ta' djun gravanti l-kommunjoni tal-akkwisti jew sabiex isir investiment fl-interess tal-istess kommunjoni, dejjem saru mill-assi formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u mhux mill-ġid parafernali ta' l-attur.*

6. *Illi dwar is-sitt talba rikorrenti, l-eċċipjenti taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tiġi dikjarata xjolta u li din tiġi likwidata u diviza bejn il-kontendenti, u l-istess għandujapplika għall-ġid l-ieħor kollu li hu komuni bejn il-kontendenti li għandu jiġi maqsum ukoll.*

7. *Illi dwar is-seba' talba rikorrenti, din għandha tiġi riġettata peress li l-esponenti na taqbilx li jkun fl-aħjar interess ta' bint il-partijiet E, li għandha Spina Bifida u Hydrocephalus u li tinsab f'wheel-chair u li għadha tgħix mal-esponenti fid-dar taz-zwieġ, liema dar ġiet attrezzata apposta biex taqdi l-bzonnijiet ta' l-istess wild.*

8. *Illi hemm qbil fir-rigward tat-tmien talba attriċi.*

9. *Illi l-ispjjez tal-kawza odjerna għandhom jiġu sapportati mir-rikorrent esklussivament.*

10. *Illi l-esponenti tiddikjara li qed tipprevalixxi ruħħu mill-istanza attriċi sabiex tintavola talba rikonvenzjonali (kontro-talba) skont il-liġi.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontrotalba tal-konvenuta,[7] fejn ippremettiet:

[7] Fol. 333-336.

1. *Illi l-esponenti qiegħda tipprevalixxi ruħha mill-istanza attriċi u qed tippromwovi din it-talba rikonvenzjonali tagħha sabiex tikkawtela l-interessi tagħha u ta' bintha E.*

2. *Illi l-kontendenti izzewġu fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986) u minn dan iz-zwieġ kellhom zewġ ulied u cioe' D li twieled fil-21 ta' Diċembru 1989 u E li twieldet fit-3 ta' Settembru 1991 u llum huma t-tnejn maġġorenni.*

3. *Illi bint il-partijiet E, minkejja li hija maġġorenni għadha persuna dipendenti minħabba l-kundizzjoni li tbati minnha u ċioe; Spina Bifida. Din il-kundizzjoni poġġiet piz kbir fuq l-esponenti li waħedha, b'impenn u b'dedikazzjoni kbira, tikkura u tieħu ħsieb għall-bzonnijiet kollha tagħha. E fil-fatt għadha tgħix mal-esponenti fid-dar taz-zwieġ li ġiet atrezzata apposta għall-bzonnijiet speċjali tagħha.*

4. *Minn naħa tiegħu, ir-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali u ma refa' assolutament xejn minn da nil-piz, u minflok beda relazzjoni extra-matrimonjali u qiegħed jgħix mas-sieħba tiegħu li minnha għandu tarbija.*

5. *Illi l-ħajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli u dan senjatament minħabba adulterju, abbandun, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mir-rikorrent rikonvenut kontra l-esponenti.*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din it-talba rikonvenzjonali.*

*Jgħid għalhekk ir-rikorrent għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B u dan senjatament minħabba adulterju, abbandun, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mir-rikorrent rikonvenut kontra l-esponenti, u tawtorizza lill-esponenti tgħix separatament minn mar-rikorrent rikonvenut;*

2. *Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenut sabiex iħallas għall-espoennti u għall-bint il-partijiet E, li hija dipendenti fuq il-kontendenti, dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-liġi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment għaz-zieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja, u ordni għall-ħlas dirett mill-paga tiegħu, li għandhomm jiġu ffissati minn din l-Onorbbli Qorti;*

3. *Tiddikjara illi r-rikorrent rikonvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

4. *Tapplika in toto jew in parte kontra r-rikorrent rikonvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 54 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jiġu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tiġi stabbilita data li minnha r-rikorrent rikonvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tal-esponenti, u dana kollu okkorendo bl-opera ta' perit nominandi, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lir-rikorrent rikonvenut fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

6. *Tordna d-divizjoni ta' ġid ieħor komuni li hemm bejn il-kontendenti u l-eventwali bejgħb'liċitazzjoni u ta' dak kollu li mhuwiex kommodament divizibbli, u dan bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji, u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop;*

7. *Tordna lir-rikorrent rikonvenut jirrestitwixxi lill-esponenti fi zmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilha minn din l-Onorabbli Qorti l-beni u krediti dotali u/jew parafernali tagħha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u/jew jittiehed kont tal-valur tagħhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur għandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur l-esponenti fil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija;*

8. *Tassenja d-dar matrimonjali numerat tmienja u għoxrin (28), bl-isem 'Yasmine', Triq il-Qasab, San Ġwann lill-esponenti, taħtar nutar u kuratur għall-kontumaċja jekk ikun il-bzonn u tiffissa ħin u ġurnata jekk ikun il-kaz għall-publikazzjoni ta' l-att pubbliku, u fin-nuqqas tawtorizza lill-esponenti sabiex tgħix u tabita vita durante fid-dar matrimonjali numerate tmiena u għoxrin (28), bl-isem 'Yasmine', Triq il-Qasab, San Ġwann u dana ad eskluzjoni tar-rikorrent rikonvenut u tagħti kull provvediment xieraq u opportune għal dan l-iskop;*

9. *F'kaz illi d-disa' talba' tiġi miċħuda, tordna l-bejgħ b'liċitazzjonui u bl-ammissjoni ta' oblaturiestraneji tal-fond numerat tmienja u għoxrin (28), bl-isem 'Yasmine', Triq il-Qasab, San Ġwann bi provvediment dwar kif ir-rikavat mill-bejgħ ta' da nil-fond għandu jinqasam bejn iz-zewġ partijiet tenendo kont tal-ħtijiet tar-rikorrent rikonvenut, u b'ordni biex ir-rikorrent*

*rikonvenut jivvaka mill-imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, u tagħti kull provvediment ieħor xieraq u opportune għal dan l-iskop.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent rikonvenut li qiegħed jiġi inġunt għas*-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta,[8] li permezz tagħha eċċepixxa:

*1. Eccezzjonijiet*

*i) L-eccipjent ma kienx responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg izda kienet il-konvenuta illi sistematikament kissret ir-rapport bejn il-kontendenti Inoltre l-istess intimata, bl-intransigenza taghha, ghamletha impossibbli illi l-kontendenti jinfirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. Dan il-fatt jincidu ukoll fuq il-kap tal-ispejjes.*

*ii) Illi l-attur eccipjent dejjem hallas manteniment ghall-htigjiet tal-konvenuta peress illi maghha tghix it-tifla tal-kontendenti E illi ghad illi maggorenni qeghda tistudja. Fir-rigward tal-konvenuta, l-attur jirrileva illi ghalkemm il-kontendenti ilhom mifrudin de facto minn Gunju tas-sena 2007, il-konvenuta qatt ma fittxet li tahdem u qeghda timmagina illi s-semplici stat ta' mara mizzewga jikkonferilha d-dritt ta' indolenza. Fir-rigward tat-tifla E, l-attur jibqa' lest illi jmantniha sakemm tkun indipendenti.*

*iii) L-attur qatt qatt ma talab manteniment minnghand martu u ma avvanza ebda talba f' dan is-sens.*

*iv) Ghalkemm l-attur eccipjent jabbel max-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti, huwa jirrileva illi ma ghandu b' ebda mod jitqies dekadut u li inoltre, peress illi l-konvenuta aghdet attenta illi qatt ma tahdem, it-talba ghad-dekadenza tieghu minn sehemu tal-oggetti gejjin mill-hidma tal-konvenuta hija wahda fierha.*

*v) Is-sitt talba ma hiex opposta.*

*vi) Is-seba talba ghandha tigi respinta bl-ispejjes billi l-attur eccipjent ma ghandu ebda gid illi jappartjeni lill-konvenuta. Fil-fatt, taf il-konvenuta, illi l-attur ha biss il-hwejjeg tal-ilbies tieghu meta telaq mid-dar.*

---

[8] Fol. 338-340.

*vii) It-tmin talba hija oppose seww ghaliex l-imsemmija dar tirrapprezenta kwazi t-totalita tal-gid kommuni u ghalhekk ma tistghax tigi assenjata lil kompropjetarja wahda bi preferenza fuq il-kompropjetarju l-iehor. Id-dritt ta' abitazzjoni fuq l-istess dar, mitluba mill-konvenuta fl-istess talba, hija ukoll opposta billi huwa inekwu illi l-attur jigi priv mill-godiment tal-assi tieghu.*

*viii) Id-disgha talba mhux opposta iza hija sostanzjalment kompriza fis-sitt talba tal-konvenuta. Ma tinhtieg ebda ordni biex l-attur jivvaka billi huwa ghamel hekk zmien twil ilu.*

*ix) L-eccopjent ilu madwar hames snin jittenta jasal ghal ftehim ta' separazzjoni ma' martu. Dan il-fatt jincidi ukoll fuq il-kap tal-ispejjes.*

*2. Dikjarazzjoni Guramentata tal-fatti;*

*i) Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fil-Parocca ta' Santa Lucia, Santa Lucia fid-29 ta' Novembru 1986 wara korteggjament u gherusija ta' madwar tlett snin u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, cioe' D illi twieled fl-21 ta' Dicembru 1989 u E illi twieldet fit-3 ta' Settembru 1991, illi allura huma t-tnejn maggorenni.*

*ii) Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba inkompatabilita' ta' karattru, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenuta;*

*iii) Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*iv) Illi l-problemi bejn il-konjugi bdew ftit snin wara z-zwieg tal-kontendenti meta l-karattru tal-konvenuta nbidel ghall-aghar u saret dominanti u aggressiva mal-attur b' mod komplet u pervasive tant illi riedet tikkontrolla kull aspett tal-hajja tal-attur. Hija ghamlet minn kollox biex qatghet ir-rapport tal-attur mal-membri tal-familja tieghu; kienet anke tikkontrolla il-gestjoni tal-professjoni tal-attur bhala accountant.*

*v) Illi inoltre, l-konvenuta dehret illi ma kellha ebda gibda lejn l-attur zewgha u mill-bidu nett taz-zwieg tal-kontendenti, l-interess tal-konvenuta f' rapport intimi mal-attur kien prattikament ristrett ghal dak illi kien strettament mehtieg biex huma jkolhom i-tfal. Tant illi meta twieledet bint il-kontendenti, l-imsemmija E, ir-rapporti bejn il-kontendenti spiccaw kwazi ghal kollox b' mod illi fl-hmistax il-sena wara t-twelid tat-tifla, in-numru ta' okkazjonijiet meta l-kontendenti kienu intimi ma' xulxin jintghaddu fuq id wahda.*

vi) *Illi E ghandha spina bifida. Din il-kondizzjoni tat-tifla poggiet piz kbir fuq il-kontendenti, partikolarment fuq il-konvenuta illi kienet principlament ikkurat it-tifla u qdiet il-bzonnijiet partikolari taghha. L-attur kien telaq mill-impieg illi kellu biex jkun jista' jippresta aktar attenzjoni lit-tifla minghajr il-kontrolli impliciti fl-impieg. Bit-twelid tat-tifla, il-konvenuta kienet tiskarta l-attenjoni ta' zewgha billi tghid li hija ghajjiena jew inkwetata.*

vii) *Illi biz-zmien l-imgieba bierda tal-konvenuta fil-konfront tal-attur zewgha aggravat ruhha u l-konvenuta kienet sistematikament eradikat kull forma ta' karezzi u intimita' bejn il-kontendenti billi tevita u tiskarta l-attenzjoni tal-attur. Fl-istess waqt, il-konvenuta baqghet tippresisti fid-dominanza taghha ta' zewgha. Kienet spiss tmur l-ufficju tal-attur biex tispezzjona in-negozju u kienet tikkomporta ruhha b' mod arroganti mal-attur quddiem id-dipendenti tieghu rigward il gestioni tan-negozju u ghazla ta impjegati.*

viii) *Illi l-attur kien ghamel zmien twil jipprova jirranga z-zwieg tieghu pero' dawn it-tentattivi ma' kellhom ebda effett. F' Gunju 2007, l-attur telaq mid-dar konjugali izda baqa' regolarment jmantni lill-konvenuta u lil uliedu. Prezentement E, illi hija studenta, tghix mal-konvenuta fid-dar konjugali mentri D, ukoll student, jghix f' appartament ghal; rasu izda huwa dipendenti fuq l-attur missieru.*

ix) *Illi l-attur beda proceduri ta' medjazzjoni izda wara kwazi sentejn ta' medjazzjoni, ma kienx possibbli illi jintlahaq ftehim bonarju ta' separazzjoni minhabba l-intransigenza tal-konvenuta. Dawn it-tentattivi ppersistew waqt il-medjazzjoni u anke wara l-prezentata ta' din il-kawza.*

x) *Minn dakinhar illi telaq mid-dar, l-esponent baqa' jhallas il-kontijiet tad-dar u ta' E u baqa' jhallas manteniment mensili lill-konvenuta.*

Rat l-atti kollha sussegwenti;

Rat illi permezz ta' digriet datat 18 ta' Frar 2016,[9] din il-Qorti, wara li rat ir-rikors tal-attur A B ta' nhar is-7 ta' Awwissu 2015 u l-atti sussegwenti, laqgħat it-talba kif dedotta fl-imsemmi rikors, u ċjoe' illi ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili l-ewwel talba fir-rikors promotur li titratta s-separazzjoni personali tal-partijiet sejra minflok titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju għaz-zwieġ tagħhom;

Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet ta' nhar il-4 ta' Frar 2020, fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-partijiet laħqu ftehim dwar kif għandha tiġi regolata l-firda

[9] Fol. 8 tal-proċess fl-ismijiet premessi izda bin-numru 8/10/1AL.

personali tagħhom u għal tali fini ġie abbozzat kuntratt li jirrifletti dan kollu. Permezz ta' dan ir-rikors, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tawtorizza l-pubblikazzjoni tal-abbozz in kwistjoni, liema talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet datat 4 ta' Frar 2020;

Rat illi l-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet ippubblikat nhar is-17 ta' Frar 2020, jinkludi klawsola taħt it-titolu '*Obbligi Ġenerali u Reċiproċi',* fejn l-attur jobbliga ruħu li jċedi l-azzjoni odjerna ħlief għall-ewwel talba. Fil-fatt, fl-udjenza ta' nhar il-24 ta' Novembru 2020, il-Qorti ġiet mitluba sabiex fl-udjenza li jmiss tgħaddi għas-sentenza fuq l-ewwel talba kif konvertita u fl-istess seduta jiġu ċeduti t-talbiet l-oħra;

Rat in-nota ta' C B ta' ċessjoni tal-kontro-talba tal-11 ta' Mejju, 2021;

Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha l-oħrajn stante li qed jiġu ċeduti fl-udjenza ta' llum tal-11 ta' Mejju, 2021.

Il-Qorti tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha u dan fir-rigward tal-ewwel talba.